**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Illum: 11 ta' Novembru, 2016**

**Kawza Numru 282/2006**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Simon (Simon Peter) Chircop**
**(ID 168968(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Simon (Simon Peter) Chircop ta' 36 sena, imwieled Attard fit-28 ta' Marzu 1968, bin Joseph u Philippa nee` Spiteri, residenti St. John Flats, Flat 5, Triq Testaferrata, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 168968(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' April 2004, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu

licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-20 ta' April 2004. Fis-seduta tat-13 ta' April 2016, id-difiza talbet lill-Qorti sabiex ma tiehux konjizzjoni tal-istqarrija tal-imputat u dan stante li din ittiehdet minghajr ma huwa nghata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.

Kif inghad l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-20 ta' April 2004[1] u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tippermetti illi persuna arrestata tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz

[1] Din tinsab esebita a fol. 17 u 18 tal-process.

ta’ **<u>Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine</u>**, deciz fit-13 ta’ Gunju 2014, qalet hekk:

“*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma’ l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta’ avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b’mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f’dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f’dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta’ l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta’ pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 6(3)*[2] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma’ avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b’dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*”

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

“*Illi allura hija fis-setgha ta’ din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[3] *fejn f’dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

---

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta’ Ottubru 2009.
[3] 34373/13, deciz fit-2 ta’ Lulju 2015.

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant f'dak il-kaz, rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Dan il-principju gie kkonfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-27 ta' Ottubru 2016, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eugenio Sultana**.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bhala priva minn kull valur probatorju u qeghda tiskartaha.

Stabbilit dan il-punt u mwarrba l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-Qorti ser tqis il-bqija tal-provi prodotti.

**PC 213 Nicolai Borg** xehed illi fl-20 ta' April 2004, l-imputat kien twaqqaf minnu u minn membri ohrajn tal-Iskwadra kontra d-Droga u hdejn il-*gear lever*, instab qartas tal-karti li kien jikkontjeni sustanza suspettata eroina. L-imputat ghalhekk

gie arrestat u mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.[4] Bl-istess mod xehed **PS 1220 Chris Baldacchino**, li qal illi fl-20 ta' April 2004, kienet twaqqfet il-vettura tal-imputat u minn hdejn il-*gear level* gie elevat qartas li kien suspettat li fih l-eroina.[5] Da parti taghha, imbaghad, **ex SM 45 Marisa Bartolo** xehdet illi f'April tas-sena 2004, waqt xoghol li kien qieghed isir mal-Iskwadra kontra d-Droga, giet imwaqqfa l-vettura li fiha kien hemm l-imputat bhala xufier u zewg persuni ohrajn. Tghid illi minn bejn is-*seats* gie elevat, jekk ma kinitx sejra zball, pakkett tas-sigaretti, li go fih instabet xi sustanza. Dawn il-persuni gew ilkoll arrestati.[6] **PS 114 Massimo Persiano** xehed illi fl-20 ta' April 2004, kienu qeghdin isiru xi osservazzjonijiet gewwa Windmill Street, Qormi u wara informazzjoni li kienet telqet vettura bi tliet persuni, din twaqqfet gewwa Hal Qormi. Fl-istess vettura kien hemm Perry Billsborough, Isabelle Zammit u l-imputat. Saret tfittxija fil-vettura, izda x-xhud ma kienx involut fl-istess tfittxija.[7]

Illi mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi tieghu u cioe` *envelope* kannella mmarkat bhala S/B/22/2015 li fih *evidence bag* bin-numru S00165618 li jikkontjeni: "i) karta bil-kliem Data 20-04-04 Hin 12:20pm Elevat/i minn gol-but tal-gakketta ta' Perry Bilsborrow fil-prezenza ta' Perry Bilsborrow minn WPS 45, PC 1220, PS 114, PC 213"; ii) lighter ta' lewn orangjo; iii) kaxxa tas-sigaretti vojta u iv) qartas tal-plastik trasparenti li fih trab ta' lewn kannella. Skond l-istess relazzjoni, fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.51 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 19%.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi prodotti u li ghalihom saret referenza izjed 'il fuq, certament illi ma jirrizultax illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat forna jew ipprokura d-droga eroina ai termini tal-ewwel imputazzjoni.

In oltre il-Qorti ghandha dubju dwar kemm il-qartas bit-trab ta' lewn kannella analizzat mill-espert Godwin Sammut, liema trab instab li kien jikkontjeni d-droga eroina, huwa l-istess qartas li nstab hdejn il-*gear lever* tal-vettura misjuqa mill-imputat, kif xehdu PC 213 u PS 1220, jew li din kienet is-sustanza misjuba fil-pakkett tas-sigaretti bejn is-*seats* tal-vettura, kif xehdet ex SM 45 Marisa Bartolo.

[4] Ara x-xhieda a fol. 39 u 40 tal-process.
[5] A fol. 41 u 42 tal-process.
[6] A fol. 44 u 45 tal-process.
[7] A fol. 54 sa 56 tal-process.

Jirrizulta mix-xhieda tal-ex SM 45 Bartolo u ta' PS 114 Massimo Persiano li fil-vettura in kwistjoni kien hemm tliet persuni, fosthom skond ix-xhieda ta' PS 114, certu Perry Billsborough. Skond it-*tag* li kienet takkumpanja s-sustanza li giet esebita fil-proceduri u li giet analizzata mill-espert forensiku, l-istess sustanza instabet fil-but tal-gakketta ta' Perry Bilsborrow u mhux fil-vettura, kif xehdu l-ufficjali kollha tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxija u fis-sejba tas-sustanza. Hadd minn dawn ix-xhieda ma jindika jekk effettivament instabitx xi sustanza fil-pussess jew fuq il-persuna tal-persuni l-ohrajn li kienu prezenti fil-vettura flimkien mal-imputat odjern, izda tenut kont li lkoll jghidu li s-sustanza nstabet fil-vettura, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi s-sustanza analizzata hija l-istess sustanza li nstabet fil-vettura misjuqa mill-imputat. In oltre il-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt illi PC 213 Nicolai Borg jirreferi ghal qartas tal-karti fix-xhieda tieghu, mir-relazzjoni tal-espert forensiku jirrizulta illi d-dokument moghti lilu ghall-analizi kien jikkontjeni qartas tal-plastik trasparenti. Ghalhekk, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-qartas misjub fil-vettura tal-imputat, kien jikkontjeni d-droga eroina.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi lanqas it-tieni imputazzjoni ma tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NS, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat